# Animazzjoni - Il-Ħames Ħadd tal-Għid (Sena Ċ)

**Dħul:**

F'dan il-Ħames Ħadd tal-Għid il-liturġija tistedinna sabiex infaħħru lil Alla għall-ħwejjeġ kbar li għamel magħna.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Fil-Liturġija tal-Kelma tal-lum tispikka l-importanza tal-imħabba li l-insara għandhom ikollhom lejn xulxin. Din l-imħabba tidher ċara fl-ewwel insara li kienu jmorru f'diversi pajjiżi sabiex iwasslu l-Bxara t-Tajba. Ġesù ftit qabel ma miet ħalielna kmandament ġdid; il-kmandament tal-imħabba.
Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Imbierek ismek għal dejjem, Mulej.

**Offertorju:**

Il-fidwa li tana Alla hi għajn ta' ferħ bla tmiem u twassalna biex inroddulu ħajr. Alla tana din il-fidwa għax iħobbna. Ejjew permezz tal-offerti li sejjrin noffru nuru l-apprezzament tagħna lejH. Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Ejjew inwieġbu għall-istedina li qed jagħmlilna Ġesù biex jiġi jgħammar ġewwa fina. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.